



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 20 ta' Settembru 2022
(OR. en)

11723/22

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0231 (NLE)

POLCOM 92
WTO 143
AGRI 357
UD 160
UK 122

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerka skont l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) tal-1994 relatat mal-modifika tal-konċessjonijiet fuq il-kwoti tariffarji kollha inklużi fl-Iskeda CLXXV tal-UE bħala konsegwenza tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2022/...

ta'...

**dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim
bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerka
skont l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) tal-1994
relatat mal-modifika tal-konċessjonijiet fuq il-kwoti tariffarji kollha
inklużi fl-Iskeda CLXXV tal-UE bħala konsegwenza
tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207(4), l-ewwel subparagrafu, flimkien mal-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, il-punt (a)(v) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew¹,

¹ Approvazzjoni ta' ... (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

Billi:

- (1) F'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill(UE) 2022/...¹⁺, il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerka skont l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) tal-1994 relatat mal-modifika tal-konċessjonijiet fuq il-kwoti tariffarji kollha inklużi fl-Iskeda CLXXV tal-UE bħala konsegwenza tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea (il-“Ftehim”) ġie ffirmat f'isem l-Unjoni fi ...⁺⁺, soġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data aktar tard.
- (2) L-għan tal-Ftehim huwa li jipprevedi t-tqassim tal-kwoti tariffarji inklużi fl-Iskeda CLXXV tal-UE tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) tal-1994 bħala konsegwenza tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni, skont l-Artikolu XXVIII tal-GATT tal-1994.
- (3) Jenħtieġ li l-Ftehim jiġi approvat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2022/... ta'... dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerka skont l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) tal-1994, relatat mal-modifika ta' konċessjonijiet fuq il-kwoti tariffarji kollha inklużi fl-Iskeda CLXXV tal-UE bħala konsegwenza tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea (ĠU L ...)

⁺ ĠU: jekk jogħġbok daħħal in-numru tar-referenza għad-Deċiżjoni li tinsab f'ST 11722/22 u ikkompleta n-nota ta' qiegħ il-paġna korrispondenti.

⁺⁺ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data meta ġie ffirmat il-Ftehim li jinsab fid-dokument ST 11724/22.

Artikolu 1

Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerka skont l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerç (GATT) tal-1994 relatat mal-modifika ta' konċessjonijiet fuq il-kwoti tariffarji kollha inklużi fl-Iskeda CLXXV tal-UE bħala konsegwenza tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea, huwa b'dan approvat f'isem l-Unjoni^{1+ ++}.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill għandu, f'isem l-Unjoni, jagħti n-notifika prevista fl-Artikolu 3(1) tal-Ftehim².

¹ It-test tal-Ftehim huwa ppubblikat fil-ĠU L...

⁺ ĠU: jekk jogħġbok daħħal fin- nota ta' qiegħ il-paġna korrispondenti r-referenza ĠU tal-Ftehim li jinsab fid-dokument ST 11724/22.

⁺⁺ Delegazzjonijiet: araw id-dokument ST 11724/22.

² Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim ser tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill

Il-President
